Minuti tal-Laqgħa Nru. 50 tal-Ħames Kunsill Lokali ta' Ħal Luqa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill nhar it-Tnejn, 16 ta' Mejju 2011 fil-5.30 p.m.

| | |
|---|---|
| **Preżenti:** | il-Membri |
| Sindku | Is-Sur. John Schembri |
| Il-Kunsilliera | Is-Sur Joseph Scicluna<br>Dr. Frank Psaila<br>Is-Sur Joseph Camilleri<br>Is-Sinjura Luċia Massa |
| Skużati | Is-Sur Victor Caruana<br>Is-Sur. Joseph Piscopo A. Mus.L.C.M |
| Segretarju Eżekuttiv | Is-Sur Michael Portelli |

## AĠENDA

1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti
2. Punti Mqajjma mill-Minuti
3. Korrispondenza
4. Post Mortem, Jum Ħal Luqa
5. Skola Sajf
6. Approvazzjoni tal-Financial Statements
7. Kumitat Amministrattiv
8. Approvazzjoni ta' Ħlasijiet
9. Aġġornament

**Il-Kunsillier Psaila skuża ruħu li ma setax jattendi għal attivitajiet ta' Jum Ħal Luqa minħabba impennji ta xogħol.**

## 1.0 QARI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

1.1 Il-minuti tal-laqgħa preċedenti inqraw u ġew approvati.

## 2.0 PUNTI MQAJJMA MILL-MINUTI

2.1 Is-Sindku saqsa lil Kunsillier Camilleri kemm kienet il-ġabra li saret b' risq Puttinu Cares. Il-Kunsillier Camilleri wieġeb li huwa se jġib rendikont ta kemm kienu inġabru flus.

## 3.0 KORRISPONDENZA

3.1 Is-Segretarju semma li għal laqgħa li kienet saret tas-Sotto Kumitat għal attivita ta' Jum Ħal Luqa huwa kien stieden lil Kunsillier Caruana biex jattendi imma dan ma kienx attenda.

3.2 Is-Segretarju ippreżenta l-lista tal-applikazzjonijiet ġodda tal-MEPA lil Kunsillier Psaila.

3.3 Is-Segretarju semma li kien hemm ukoll email min naħa tal-preżentaturi tal-program Konfini bħala stedina biex il-program ikun jista jsir ġol-lokalitajiet. Huwa qal li biex dan ikun jista' jsir trid tiġi mħallsa fee ta € 1000 . Is-Sindku ssuġġerixxa biex dan il-punt jiġi diskuss aktar fil-fond u jisntab qbil bejn il-Kunsilliera fuq jekk irridux jew le li jsir dan il-program fil-lokalita.

3.4 Is-Sindku tkellem fuq il-konferenza li kienet saret fi Fiumicino. Huwa ta dettalji fuq kif kien il-programm li sar. Huwa qal li dakinhar tal-konferenza kien hemm preżentazzjoni tajba min naħa tad-delegazzjoni Maltija u din il-preżentazzjoni kienet laqtet li dawk kollha li kienu preżenti. Is-Sindku faħħar ukoll l-iskola li magħna kien hemm preżenti. Huwa semma wkoll li kien hemm visti għall postijiet storiċi bħal Ruma u l-Port l-Antik.

3.5 Dwar kif kienu saru l-istediniet biex jitilgħu tlett membri tal-Kunsill għal din il-konferenza is-Sindku wieġeb li huwa kien stieiden lil Kunsilliera Piscopo u Psaila ukoll għall konferenza. Billi dawn it-tnejn li huma wieġbu li ma setgħux jattendu għalhekk l-istedina saret lil Viċi Sindku u l-Kunsilliera Massa peress li t-tnejn li huma kienu attendew għall Konferenza ta Festa Ġemellaġi.

## 4.0 POST MORTEM, JUM ĦAL-LUQA

4.1 Is-Sindku semma li l-attivita ta Jum Ħal Luqa irnexxiet u kien hemm attendenza tajba ferm. Huwa ta briefing tal-program ta daki li kien sar il-Ġimgħa fejn kien hemm il-ftuħ tal-Wirja tat-talenti, li kienet inawgurata mill-Onorevoli Toni Abela, peress li Dr. Chris Said ma setax jattendi. L-għada is-Sibt kienet saret il-preżentazzjoni ta Ġieħ Ħal Luqa lil dawk li kienu ntgħażlu mill-Kunsill. Wara l-preżentazzjoni kien hemm ukoll preżentazzjoni awdjo viżiva li saret fil-Pjazza. Is-Sindku semma li kieku din il-preżentazzjoni saret fil-post fejn saret il-preżentazzjoni ta Ġieħ Ħal Luqa seta kien hemm aktar nies preżenti. Fuq l-attiivta tal-Ħadd is-Sindku semma li kien hemm ħafna nies preżenti aktar mill-attivitajiet l-oħra. Huwa semma li dawk li kienu taw ir-rappreżentazzjoni tat Tieġ Malti ntgħoġbu ferm u anki l-wirja agrarja kienet milqugħuha tajba. Mill-preżenza u anki r-reazzjonijiet tan-nies, is-Sindku semma li din kienet suċċess.

## 5.0 SKOLASAJF

5.1 Is-Sindku tkellem fuq it-topic ta Skola Sajf. Huwa qal li kif kien isir fi snin ta qabel meta kien hemm Skola Sajf huwa qal li din is-sena tista terġa ssir. Peress li meta saret is-sena l-oħra kien hemm diversi spejjeż, Is-Sindku ssuġġerixxa biex din is-sena issir fuq is-Sala Komunitarja fi Triq il-Ġdida. Is-Sindku qal li għandha tinġabar fee biex minnha jitħallsu l-għalliema waqt il-lezzjonijiet.

5.2 Is-Sindku qal lis-Segretarju biex jinforma l-Iskola permezz t' ittra x inhu l-ħsieb tal-Kunsill fuq Skola Sajf sabiex jibdew il-preparamenti.

## 6.0 APPROVAZZJONI FINANCIAL STATEMENTS

6.1 Is-Segretarju ressaq il-Financial Statements sal-aħħar ta' Diċembru li saru għal audit. Huwa spjega kif wieħed jista jasal għal figuri u ta spjegazzjoni ta xi wħud mill-figuri x jinkorporaw fihom.

6.2 Is-Segretarju ta spjegazzjoni ta kull Financial Statement li kien hemm u semma li għas sena l-oħra l-Kunsill kien spiċċa b' surplus.

6.3 Il-Financial Statements għaddew fil-Kunsill għal approvazzjoni. Favur l-istatements kien hemm is-Sindku, il-Viċi Sindku u l-Kunsilliera Massa, filwaqt li l-Kunsillier Psaila astjena.

## 7.0 KUMITAT AMMINISTRATTIV ĦAL FARRUĠ

7.1 Is-Sindku semma li fuq il-każ tad-Devoluzzjoni tal-art ġewwa Ħal Farrug kien intlaħaq ftehim mal-Lands Department biex iż-żewġ artijiet ikunu inkorporati flimkien għad devoluzzjoni. Dan kien intlaħaq u anki l-każ tad-Devoluzzjoni kien issa magħluq, peress li inġieb il-ftehim mixtieq.

7.2 Is-Sindku semma wkoll li se jinbeda proġett ta tisbiħ fejn hemm il-Housing Estate ta Ħal Farruġ.

## 8.0 APPROVAZZJONI TA' ĦLASIJIET

8.1 Is-Segretarju ressaq il-lista tal-pagamenti għax xahar t' April. Huwa spjega li l-lista kif tidher issa, hija skont l-istruzzjonijiet mogħtija mid-Dipartiment lil Kunsilli kollha.

8.2 Dwar il-pagamenti tal-biljetti tal-ajru, is-Segretarju spjega li dawn se jkunu refunded min naħa tal-kordinaturi tal-proġett.

8.3 il-Kunsilliera preżenti qablu b' vot unanimu għal lista tal-pagamenti.

## 9.0 AĠĠORNAMENT

Il-laqgħa giet fi tmiemha t-Tnejn 16 ta'Mejju fis-7.00 p.m. Kien hemm il-ġurnata tal-15 ta' Ġunju proposta għal laqgħa.

Konfermati llum ______________________ 2011.

| | |
|---|---|
| John Schembri | Michael Portelli |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |